



Brussell, 24 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10358/24

MAP 22
RC 21
MI 544
COMPET 595
FIN 472

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9963/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 28/2023 tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea: L-akkwist pubbliku fl-UE: Inqas kompetizzjoni għal kuntratti aġġudikati għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi fl-10 snin li jippreċedu l-2021 - Approvati fl-24 ta' Mejju 2024

Id-delegazzjonijiet isibu fl-ANNEX it-test tal-*Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali*

Nru 28/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-akkwist pubbliku fl- UE: Inqas Kompetizzjoni għal Kuntratti Mogħtija għal Xogħlijiet, Oġġetti u Servizzi fl-10 Snin sal-2021, li l-Kunsill Kompetittività approva fl-4026 laqgħa tiegħu tal-24 ta' Mejju 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 28/2023 tal-Qorti tal-Awdituri
Ewropea**

**Intejbu kompetizzjoni ġusta u effettiva għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku tal-UE mogħtija
għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-Iżvilupp ta' Akkwist Pubbliku Sostenibbli¹, li fihom il-Kunsill qies bħala essenzjali approċċ gradwali u armonizzat meta jiġu introdotti dispożizzjonijiet strateġiċi dwar l-akkwist pubbliku sabiex jinkisbu l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE, filwaqt li jitqies qafas fil-livell tal-UE u dak nazzjonali maħsub biex itejjeb il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, li jappellaw, b'mod partikolari, għall-"iżvilupp tal-vantaġġ kompetittiv tal-UE fit-teknoloġiji diġitali u nodfa, inkluż billi tiffoka fuq l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-educazzjoni u l-ħiliet; it-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi ewlenin u d-diversifikazzjoni tal-ktajjen ta' provvista permezz ta' sħubijiet strateġiċi"²;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024, intitolat "Inwettqu llum u nħejju għal għada"³;

FILWAQT LI JILQA' l-iskambju ta' fehmiet mill-Ministri għall-Affarijiet Ekonomiċi fil-Kunsill Kompetittività informali f'Genk fid-9 ta' Frar 2024, li afferma mill-ġdid l-importanza tal-akkwist pubbliku strateġiku (akkwist ekoloġiku, soċjali u innovattiv) għat-tisħiħ tal-kompetittività sostenibbli u inklużiva tal-UE;

¹ ST 9373/22;

² EUCO 14/23, 27.10.2023;

³ COM(2023) 638 Final, 17.10.2023;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-akkwist pubbliku jirrappreżenta 14 % tal-PDG tal-UE u, għalhekk, jista' jkollu rwol ewleni fil-kisba tal-oġġettivi strateġiċi ewlenin tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jittejjbu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-UE;

FILWAQT LI JENFASIZZA li sforzi konġunti u rduppjati huma assolutament essenzjali u urġenti biex jinkisbu investimenti pubbliċi li jippromwovu l-innovazzjoni, is-sigurtà tal-provvista, u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, filwaqt li jippreservaw ekonomija miftuħa; u FILWAQT LI JFAKKAR fir-rwol essenzjali li l-akkwist pubbliku għandu jkollu fil-kisba tat-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija aktar ċirkolari, newtrali għall-klima, li tniġġes inqas u soċjalment responsabbli, filwaqt li JIRRIKONOXXI li l-infurzar tar-regoli tal-akkwist pubbliku u t-tiżiż tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku huma responsabbiltà kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri;

Jilqa' l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA):

1. JILQA' l-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali Nru 28/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) bit-titolu "L-akkwist pubbliku fl-UE: Inqas kompetizzjoni għal kuntratti aġġudikati għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi fl- 10 snin li jippreċedu l- 2021";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, u JQIS l-inizjattivi ta' wara l-2021 meħuda mill-Kummissjoni kif elenkati fit-tweġibiet tagħha, inkluż l-*Inizjattiva għax-Xerrejja l-Kbar*⁴, biex tippromwovi użu aktar usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku u l-*Ispazju tad-Data tal-Akkwist Pubbliku*⁵ biex jiffaċilita infiq pubbliku aktar immirat u trasparenti, aċċess imtejjeb għas-sejħiet għall-offerti għall-kumpaniji u jagħti spinta lill-governanza mmexxija mid-data;

⁴ The 'Big Buyers' Initiative [L-Inizjattiva għax-"Xerrejja l-Kbar"], 2018: Ara: Big_Buyers_-_Recruitment_Brief.pdf (sustainable-procurement.org)

⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Akkwist Pubbliku: Spazju tad-data biex jittejjeb l-infiq pubbliku, tingħata spinta għat-tfassil tal-governanza mmexxija mid-data u jittejjeb l-aċċess għall-offerti għall-SMEs: C(2023) 1696 (ĠU C 98I, 16.3.2023, p. 1–11);

3. JAGĦRAF il-kritika ewlenija fir-Rapport, jiġifieri:

- It-tnaqqis tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku matul dawn l-aħħar 10 snin, b'mod partikolari fid-dawl tal-proporzjon kbir ta' għotjiet diretti f'xi Stati Membri u proċeduri ta' offerent uniku;
- Abbażi tad-data disponibbli, in-nuqqas ta' titjib ġenerali sinifikanti fil-kisba tal-oġġettivi ewlenin, segwiti mid-Direttivi tal-2014⁶ fil-perjodu ta' referenza kopert mir-Rapport: bil-kontra għall-oġġettivi tar-Riforma tal-Akkwist tal-2014, il-QEA nnutat proporzjon baxx ta' kuntratti mogħtija lill-SMEs, u użu insuffiċjenti tal-akkwist pubbliku strateġiku, filwaqt li hemm varjazzjonijiet eżistenti fil-livell nazzjonali;
- Il-livell baxx ta' akkwist transfruntier dirett;
- In-nuqqasijiet fil-monitoraġġ mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-iżviluppi fis-suq tal-akkwist pubbliku;

Lejn is-simplifikazzjoni tar-regoli u t-titjib tas-sistema tal-akkwist: It-tnedija ta' analiżi fil-fond tal-qafas eżistenti:

4. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija effettiva b'parità ta' stima, ikomplu jiżguraw infurzar xieraq tal-obbligi skont id-Direttivi eżistenti, u jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jipprevjenu l-ħolqien ta' ostakli possibbli, jidentifikaw u jegħlbu l-ostakli ewlenin għall-akkwist sostenibbli u kompetizzjoni ġusta u effettiva;

⁶ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1-64); Verżjoni konsolidata attwali: 01/01/2024;

Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65-242); Verżjoni konsolidata attwali: 01/01/2024;

Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243-374); Verżjoni konsolidata attwali: 01/01/2024;

5. Fil-kuntest tar-Rapport Speċjali tal-QEA u l-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-qafas legali tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, JISTIENEN lill-Kummissjoni teżamina aktar il-kawżi fundamentali għat-tnaqqis tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku tal-UE; JENFASIZZA li f'din l-analiżi tal-kawżi fundamentali, għandhom jitqiesu d-differenzi sinifikanti fil-prestazzjoni tal-indikaturi tal-kompetizzjoni fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi ekonomiċi, peress li l-prattiki ta' implimentazzjoni jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti u jistgħu jitolbu azzjonijiet immirati speċifiċi;
6. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn għax-xerrejja pubbliċi u għall-operaturi ekonomiċi, inkluż l-SMEs u l-mikrointrapriżi; JIKKUNSIDRA f'dan ir-rigward li l-komplessità tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku tista' tfixxkel il-partekipazzjoni ta' ċerti operaturi ekonomiċi fl-akkwist pubbliku;
7. JITLOB lill-Kummissjoni twettaq, mingħajr dewmien, analiżi fil-fond tal-qafas leġislattiv eżistenti dwar l-akkwist pubbliku (inkluż id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, u 2014/25/UE) biex tivvaluta jekk hijiex meħtieġa reviżjoni matul il-mandat 2024-2029 fid-dawl tal-impenji ewlenin li l-UE ħadet sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha ta' żvilupp sostenibbli sal-2030; FILWAQT LI JINSISTI, madankollu, li minbarra li titwettaq analiżi fil-fond, huwa essenzjali li jinkiseb fehim aħjar tal-kawżi fundamentali li wasslu għat-tnaqqis fil-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku;

8. JISĦAQ li l-analiżi fil-fond għandha tqis il-ħtieġa li l-qafas legali tal-akkwist jiżgura li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkunu jistgħu jqisu b'mod xieraq ir-reżiljenza, is-sigurtà tal-provvista, u l-kompetizzjoni ġusta biex tiġi żgurata l-ħtieġa kritika tal-Unjoni għal awtonomija strateġika, filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa fir-rigward tal-ħtieġa li tinbena bażi ekonomika robusta, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-dipendenzi tal-Unjoni fl-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi; JISĦAQ ukoll li, għandha titqies b'mod xieraq il-ħtieġa ta' regoli ċari dwar it-trattament ta' prodotti u operatori ekonomiċi minn pajjiżi terzi;
9. JENFASIZZA li s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali toħloq theddida partikolari għas-sigurtà tal-Istati Membri; JISĦAQ li l-analiżi fil-fond għandha tqis kif xieraq il-ħtieġa li x-xerrejja pubbliċi jsaħħu l-ġhodod eżistenti għad-dispożizzjoni tagħhom biex jillimitaw ir-riskji għas-sigurtà, u JIKKUNSIDRA li l-ispirazzjoni għal dawk l-ġhodod tista' tinstab, fost l-oħrajn, fid-Direttiva 2009/81/KE; meta fin-nofs hemm kwistjonijiet ta' sigurtà, JISSOTTOLINJA li d-Direttiva 2009/81/KE diġà tippermetti ċertu grad ta' flessibbiltà li jenħtieġ li għandu jitqies fl-analiżi fil-fond għall-akkwist li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, u 2014/25/UE;
10. JIKKUNSIDRA li huwa meħtieġ eżami bir-reqqa f'din l-analiżi dwar l-interazzjoni bejn id-Direttivi u l-multipliċità ta' atti legali settorjali speċifiċi li fihom dispożizzjonijiet dwar l-akkwist; JITLOB lill-Kummissjoni teżamina fl-analiżi fil-fond tagħha l-ħtieġa għas-simplifikazzjoni u l-allinjament ta' dawn l-inizjattivi fl-interess li jinstab bilanċ fost l-oġettivi differenti, ċertezza legali akbar, koerenza ġenerali, u, fejn xieraq, it-tnaqqis tal-piż u l-ispejjeż regolatorji;

11. JENFASIZZA li l-analiżi fil-fond tista' tirriżulta fl-istabbiliment ta' dijanjożi, it-tnedija ta' valutazzjoni tal-impatt regolatorju u, abbażi tal-konklużjonijiet tagħha, possibbilment il-proposta ta' regoli ġodda li jippromwovu akkwist sostenibbli u kompetizzjoni ġusta u effettiva filwaqt li jinkisbu, kemm jista' jkun, it-tneħħija ta' ostakli amministrattivi eċċessivi u mhux meħtieġa u s-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet regolatorji attwali iżda JISSOTTOLINJA l-importanza li x-xerrejja pubbliċi jżommu l-flessibbiltà fid-determinazzjoni tan-natura u l-inklużjoni ta' konsiderazzjonijiet strateġiċi fil-proċeduri tagħhom;
12. JISĦAQ li l-qafas legali għandu, b'mod parallel, ikollu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għall-akkwist pubbliku, b'mod partikolari għall-SMEs, speċjalment il-mikrointrapriżi;
13. JISTIEDEN, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tippreżenta l-azzjonijiet jew il-miżuri li ttieħdu u li ser jittieħdu wara l-aħħar Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' akkwist pubbliku sostenibbli⁷, kif ukoll ir-Rapport tal-Presidenza Franciża⁸ dwar il-konġestjonijiet identifikati fl-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku;
14. JENFASIZZA r-rwol li l-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni⁹ jista' jkollhom fir-rigward tal-funzjonament u l-iżvilupp ta' qafas legali modern, aċċessibbli u simplifikat tal-akkwist pubbliku li jappoġġa suq intern sostenibbli u reżiljenti;

⁷ ĠU, 2022/C 236/02, 20.6.2022;

⁸ ST 9679/24;

⁹ B'mod partikolari, il-Grupp ta' Esperti dwar l-Akkwist Pubbliku, in-Network tal-Korpi ta' Rieżami tal-Prim'Istanza u l-Grupp ta' Esperti tad-diversi partijiet ikkonċernati dwar l-Akkwist elettroniku;

Disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja u għodod avvanzati

15. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-QEA li l-informazzjoni rilevanti disponibbli tintuża bl-aħjar mod possibbli; JIKKUNSIDRA li huwa essenzjali li jkun hemm data komprensiva u ta' kwalità għolja peress li tippermetti l-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq il-fatti; JISTIEDEN, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien aktar mill-qrib sabiex jidentifikaw is-settijiet ta' data rilevanti meħtieġa biex jinfurmaw analiżi fil-fond u jtejbū l-kwalità u l-leġġibbiltà tad-data miġbura[...] u, skont id-disponibbiltà, jippubblikaw informazzjoni rilevanti u regolari dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli;
16. JILQA' f'dan il-kuntest l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data tal-Akkwist Pubbliku, li potenzjalment tista' ttejjeb il-kwalità u l-isfruttament tad-data dwar l-akkwist pubbliku permezz ta' għodod avvanzati, bħat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali; JAPPELLA biex issir enfasi fuq metodoloġija effiċjenti għall-valutazzjoni u l-analiżi tad-data disponibbli fir-rigward tal-akkwist, b'mod partikolari fir-rigward tal-indikaturi tal-akkwist pubbliku tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tuża d-data kollha disponibbli biex tifhem il-prattiki tal-akkwist tax-xerrejja pubbliċi, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-kompożizzjoni u l-kontenut tad-data mhumiex armonizzati madwar l-UE; JENFASIZZA l-ħtieġa li jitħaffu l-proċeduri tal-akkwist pubbliku bl-użu ta' għodod tekniċi sabiex tiġi ffaċilitata l-pubblikazzjoni fil-pront tal-avviżi tal-akkwist pubbliku fit-Tenders Electronic Daily;
17. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw dawk l-għodod bl-aħjar mod possibbli anke permezz tan-networks xierqa bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni;

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-promozzjoni tal-aħjar prattiki, l-iżgurar tal-professjonalizzazzjoni, u t-tnedija ta' Pjan ta' Azzjoni Strateġiku għall-Akkwist Pubbliku fl-UE kollha

18. JOSSERVA li s-sehem ta' kuntratti mogħtija lill-offerta bl-orħos prezz jirrappreżenta parti kbira mill-kuntratti kollha mogħtija fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; IWISSI, madankollu, kontra li tingħata wisq importanza lill-irħas prezz bħala l-uniku kriterju tal-ġħoti bħala indikatur għall-kejl tal-kwalità tal-proċeduri ta' akkwist; JIRRIMARKA li l-użu tal-orħos prezz bħala l-uniku kriterju tal-ġħoti mhux neċessarjament ikollu impatt negattiv fuq il-kwalità jekk ix-xerrejja jkunu ddeterminaw b'mod adegwat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom minn qabel fid-dokumenti tal-offerti tagħhom, iżda li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw sa liema punt l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jew ma jistgħux jużaw il-prezz biss jew il-kost biss bħala l-uniku kriterju tal-ġħoti; JITLOB, għalhekk, lill-Kummissjoni tappoġġa u tiżviluppa l-bini tal-kapaċità sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-akkwist strateġiku u l-kriterji rilevanti tal-ġħażla u għall-aġġudikazzjoni marbuta mas-suġġett tal-kuntratt biex jiġu żgurati servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, sostenibbiltà u bl-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz;
19. JINNOTA li t-tiżiħ tal-kompetizzjoni u d-dimensjonijiet strateġiċi jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq il-mod li bih l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jfasslu u jimmaniġġaw il-kuntratti tagħhom u l-kapaċità u l-kompetenza tagħhom f'dawn l-oqsma; għalhekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu jew ikabbru inizzjattivi biex tiżdied il-professjonalizzazzjoni ta' daww l-awtoritajiet u l-entitajiet, filwaqt li titqies l-għodda ProcurCompEU¹⁰ għall-qafas Ewropew tal-ħiliet għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku; iżda JIKKUNSIDRA li l-kompetenza u t-taħriġ huma essenzjali wkoll għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-SMEs u speċjalment il-mikrointrapriżi;

¹⁰ ProcurCompEU, il-qafas Ewropew ta' kompetenza għall-professjonisti tal-akkwist pubbliku: ECF_Flyer.indd (europa.eu)

20. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkollaboraw b'mod aktar effiċjenti u jappoġġaw lil xulxin fil-kondiviżjoni u t-tixrid tal-aħjar prattiki, u billi jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati kollha, bħax-xerrejja u l-bejjieġha, biex jibnu l-kompetenzi u l-kapaċitajiet meħtieġa;
21. JAPPELLA wkoll għal aktar trasparenza, integrità u responsabbiltà tal-infiq pubbliku sabiex jiġu miġġielda l-kollużjoni u l-korruzzjoni, u jgħin biex tinkiseb l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz;
22. Filwaqt li JIRRIKONOXXI li mhemmx soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' hawn fuq, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tadotta Pjan ta' Azzjoni Strateġiku għall-Akkwist Pubbliku fl-UE kollha li jindirizza l-passi futuri fil-livell tal-UE, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-Istati Membri; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew din il-ħidma kollha mingħajr dewmien, u JISTENNA t-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku fl-UE kollha f'perjodu ta' żmien raġonevoli biex jiġgwida u jinforma programm ta' rieżami u riforma tax-xenarju tal-akkwist tal-UE biex jiġu indirizzati kwistjonijiet u tħassib imqajma f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill;
23. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta regolarment fil-livell tal-Kunsill il-progress li jkun sar dwar l-inizjattivi, il-miżuri u l-azzjonijiet imsemmija f'dawn il-Konklużjonijiet.
